



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0086 (NLE)

13445/1/18
REV 1

VISA 278
COLAC 84

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil
li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil
dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi
ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2), punt (a), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nnegożjat f'isem l-Unjoni Ftehim mar-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali (il-“Ftehim”).
- (2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1869¹, il-Ftehim ġie ffirmat fis-27 ta' Settembru 2021, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1869 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, ta' servizz jew uffiċjali (ĠU L 306, 30.11.2018, p. 1).

- (3) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE¹; għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (4) Jenhtiegħ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiegħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil li jemenda l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, tas-servizz jew uffiċjali huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni¹⁺..

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 2 tal-Ftehim².

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat ... [daħħal ir-referenza tal-ĠU għad-dokument ST 13446/18].

⁺ Delegazzjonijiet: araw id-dokument ST 13446/18.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi,

Għall-Kunsill

Il-President
